

31998D0598

24.10.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 287/25

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tad-9 ta' Ottubru 1998****dwar il-proċedura għall-attestazzjoni ta' konformità tal-prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' aggregati***(innotifikata taħt id-dokument numru K (1998) 2923)***(Test b'relevanza ŻEE)***(98/598/KE)*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tas-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni hija meħtieġa li tagħżel, bħal bejn iż-żewġ proċeduri skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE għall-attestazzjoni ta' konformità ta' prodott, "il-proċedura l-anqas oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà", billi dan iffisser li jeħtieġ li jiġi deċiż jekk, għal xi prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza tas-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-fabbrikant hijiex kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni ta' konformità, jew jekk, għal raġunijiet marbuta mal-konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp approvat tal-attestazzjoni hu għalhekk meħtieġ;

Billi l-Artikolu 13(4) jitlob li l-proċedura hekk iddeterminata għandha tkun indikata fil-mandati u fil-karatteristiċi tekniċi; billi, għalhekk, tinħass ix-xewqa li jiġi definit il-kunċett ta' prodott jew ta' familja ta' prodott kif użat fil-mandati u fil-karatteristiċi tekniċi;

Billi iż-żewġ proċeduri li hemm disposizzjoni dwarhom fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi għalhekk jeħtieġ li jiġu speċifikati sewwa l-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu implementati, b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodott, peress li l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Billi l-proċedura riferuta fl-Artikolu 13(3) (a) tikkorrispondi mas-sistemi elenkati fl-ewwel possibbiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u tielet possibbiltajiet tal-punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura riferuta fl-Artikolu 13(3)(b) tikkorrispondi mas-sistemi stabbiliti fil-punt (i) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibbiltà, b'sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri li hemm disposizzjoni dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u l-familji tal-prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha l-fabbrikant għandu taħt ir-responsabbiltà unika tiegħu, is-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika li tassigura li l-prodott huwa konformi mal-karatteristiċi tekniċi relevanti.

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

Artikolu 2

Il-prodotti elenkati fl-Anness II għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li permezz tagħha, barra mis-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika mwettqa mill-fabbrikant, korp approvat tal-attestazzjoni jkun involut fil-valutazzjoni u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

Artikolu 3

Il-proċedura għall-attestazzjoni ta' konformità kif stabbilita fl-Anness III għandha tiġi murija fil-mandati għal *standards* armonizzati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX I

AGGREGATI GĦALL-UŻU MINHAJR ĦTIĠIET TA' SIGURTÀ GĦOLJA**Aggregati**

Għall-konkrit, tajn, ħalib tat-tajn, taħlitiet tal-qatran, trattamenti għall-uċuħ, taħlitiet mhux maqgħuda u maqgħuda idrawlikament użati għat-toroq u xogħlijiet oħra ta' l-inġinerija ċivili.

Ġebel tar-rinforz

Għall-użu fi strutturi idrawliċi u xogħlijiet oħra ta' l-inġinerija ċivili.

Saborra għall-ferrovija

Għall-użu fix-xogħlijiet tal-ferrovija.

Mili

Għall-konkrit, tajn, ħalib tat-tajn, taħlitiet tal-qatran u trattamenti ta' l-uċuħ, użati għat-toroq u xogħlijiet oħra ta' l-inġinerija ċivili.

ANNEX II

AGGREGATI GĦALL-UŻU BI ĦTIĠIET TA' SIĠURTA' GĦOLJA**Aggregati**

Għall-konkrit, tikkil, "grout", taħlitiet bituminużi, trattamenti ta' wiċċ it-triq, taħlitiet mhux magħquda u magħquda idrawlikament użati għat-toroq u xogħlijiet oħra ta' l-inġinerija ċivili.

Ġebel tar-rinforz

Għall-użu fi strutturi idrawliċi u xogħlijiet oħra ta' l-inġinerija ċivili.

Saborra għall-ferrovija

Għall-użu fix-xogħlijiet tal-ferrovija.

Mili

Għall-konkrit, tajn, ħalib tat-tikkil, taħlitiet tal-qatran u trattamenti ta' l-uċuħ, użati għat-toroq u xogħlijiet oħra ta' l-inġinerija ċivili.

ANNEX III

FAMILJA TA' PRODOTTI

AGGREGATI GĦALL-UŻU MINHAJR ĦTIĠIET TA' SIĠURTÀ GĦOLJA (1/2)

1. Sistemi tal-attestazzjoni ta' konformità

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiż elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni ta' konformità fl-*standards* armonizzati rilevanti:

Prodott	Użu intiż	Livell(i) jew Klassi(jiet)	Ċertifikazzjoni tas-sistema ta' konformità
Aggregati għal: — konkrit, tajn u ħalib tat-tajn — taħlitiet tal-qatran u trattamenti ta' l-uċuħ — tahlitijiet magħquda u mhux magħquda idrawlikament	Għat-toroq u xogħlijiet oħra ta' l-inġinerija ċivili	—	4
Ġebel ta' rinforz	Għal strutturi idrawliċi u xogħlijiet ta' l-inġinerija ċivili.	—	4
Saborra għall-ferrovija	Għal xogħlijiet tal-ferrovija	—	4
Mili għal: — konkrit, tajn u ħalib tat-tajn — tahlitijiet tal-qatran u trattamenti ta' l-uċuħ	Għat-toroq u xogħlijiet oħra ta' l-inġinerija ċivili	—	4

Sistema 4: ara CPD l-Anness III(2)(ii), it-tielet possibbiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tista' tkun implimentata wkoll anki meta l-imġieba ma jkunx hemm hteġa li tkun iddeterminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex mill-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi l-verifika tal-karatteristika bħal din m'għandhiex tiġi imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

FAMILJA TA' PRODOTTI
AGGREGATI GĦALL-UŻU BI ĦTIĠIET TA' SIĠURTA GĦOLJA (2/2)

1. **Sistemi tal-attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiż elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba li jispesifikaw is-sistema(i) li għejjin tal-attestazzjoni ta' konformità fl-*standards* armonizzati rilevanti:

Prodott	Użu intiż	Livell(i) jew Klassi(jiet)	Ċertifikazzjoni tas-sistema ta' konformità
Aggregati għal: — konkrit, tajn u ħalib tat-tajn — taħlitiet tal-qatran u trattamenti ta' l-uċuħ — tahlitijiet mhux magħquda u magħquda idrawlikament	Għat-toroq u xogħlijiet oħra ta' l- <i>inġinerija</i> ċivili	—	2+
Ġebel tar-rinforz	Għal strutturi idrawliċi u xogħlijiet ta' l- <i>inġinerija</i> ċivili.	—	2+
Saborra għall-ferrovija	Għal xogħlijiet tal-ferrovija	—	2+
Mili għal: — konkrit, tajn u ħalib tat-tajn — tahlitijiet tal-qatran u trattamenti ta' l-uċuħ	Għat-toroq u xogħlijiet oħra ta' l- <i>inġinerija</i> ċivili	—	2+

Sistema2 +: ara CPD I-Anness III(2)(ii), l-ewwel possibbiltà, inkluża l-attestazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi ta' spezzjoni inizzjali tal-fabbrika u tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika kif ukoll tal-valutazzjoni b'sorveljanza kontinwa u approvazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'tali mod li tista' tkun implementata wkoll anki meta l-imġieba ma tkunx teħtieġ li tiġi ddeterminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteiga legali għal karatteristika bħal din (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-dokumenti interpretattivi). F'dawn il-każi l-verifika tal-karatteristika bħal din m'għandhiex tiġi imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.